Verżjoni Elettronika



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,605, 9 ta' April, 2021*

*Taqsima B*

**A.L. 149 tal-2021**

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

### Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Maniġġjar tal-Iskart (Batteriji u Akkumulaturi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Maniġġjar tal-Iskart (Batteriji u Akkumulaturi), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Maniġġjar tal-Iskart (Batteriji u Akkumulaturi), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 549. 54.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "rigward l-implimentazzjoni tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "id-Direttiva 2013/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013, u d-Direttiva (UE) 2018/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta'Mejju 2018"; u

(b) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2021 dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur.". A.L. 151 tal-2021.

**3.** Minnufih wara r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart.

14A. Sabiex jikkontribwixxu għall-objettivi stipulati f'dawn ir-regolamenti, il-Ministru jista' juża strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdi inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart, taħt ir-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart, bħal dawk imsemmija fl-Anness IVa għad-Direttiva 2008/98/KE jew strumenti u miżuri oħra xierqa.".

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Is-subregolament (4) ta' regolament 24 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) L-informazzjoni kollha għandha tingħata f'rapporti kull sitt (6) xhur u annwali. Organizzazzjoni ta' konformità ta' skart ta' batteriji u akkumulaturi għandha tippreżenta rapporti ta' nofs is-sena lill-awtorità kompetenti fi żmien tlett (3) xhur kalendarji wara t-tmiem ta' dak il-perjodu, filwaqt li rapporti annwali għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità kompetenti fi żmien erba' (4) xhur kalendarji mill-għeluq tas-sena."

Jemenda r-regolamenti prinċipali.

**5.** (1) Fir-regolamenti prinċipali, il-kliem "skema ta' ġbir, trattament u riċiklaġġ ta' skart ta' batteriji u akkumulaturi" u "skema awtorizzata ta' ġbir, trattament u riċiklaġġ ta' skart ta' batteriji u akkumulaturi", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Organizzazzjoni ta' konformità ta' skart ta' batteriji u akkumulaturi".

(2) Fir-regolamenti prinċipali, il-kelma "skema" kull fejn tidher, sakemm tali kelma ma tifformax parti mil-frażijiet "skema ta' ġbir, trattament u riċiklaġġ ta' skart ta' batteriji u akkumulaturi", "skema awtorizzata ta' ġbir, trattament u riċiklaġġ ta' skart ta' batteriji u akkumulaturi", "skemi ta' maniġġar ambjentali", "skemi ċċertifikati għall-immaniġġar tal-ambjent", jew "skema Komunitarja għall-immaniġġar tal-ambjent u l-verifika" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "organizzazzjoni dwar responsabbilta' ta' produttur".